



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2021
(OR. en)

6439/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0049(COD)

RECH 71
COMPET 122
CODEC 247
IA 21

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 89 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija mwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 89 final.

Mehmuż: COM(2021) 89 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
COM(2021) 89 final

2021/0049 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-parteeċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija mwettqa
b'mod konġunt minn diversi Stati Membri**

{SEC(2021) 91 final} - {SWD(2021) 35 final} - {SWD(2021) 36 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Orizzont Ewropa – il-programm qafas il-ġdid għar-riċerka u l-innovazzjoni (2021 – 2027) – għandu l-għan li jikseb impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-ingranaġġ ta' fondi privati u pubbliċi addizzjonali permezz tal-koinvestiment bis-saħħa tas-Sħubijiet Ewropej. Dawn is-sħubijiet huma previsti f'oqsma fejn il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tar-riżorsi fir-riċerka u l-innovazzjoni huma ġġustifikati biex jappoġġaw il-kisba tal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-mira ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari l-Pilastru 2 tiegħu – Sfidi globali u kompetittività industrijali.

L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (ir-“Regolament dwar Orizzont Ewropa”) jipprovdi li Sħubijiet Ewropej Istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikoli 185 u 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) “għandhom jiġu implimentati biss fejn partijiet oħra tal-programm Orizzont Ewropa, inklużi forum oħra ta' Sħubijiet Ewropej ma jilħqux l-objettivi jew ma jiġġenerawx l-impatti mistennija meħtieġa, u jekk dan ikun iġġustifikat minn perspettiva fit-tul u grad għoli ta' integrazzjoni”.

Fir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, il-koleġiżlaturi identifikaw ukoll tmien oqsma ta' prijorità għal Sħubijiet Ewropej Istituzzjonalizzati possibbli bbażati fuq l-Artikolu 185 jew l-Artikolu 187 tat-TFUE. Konsegwentement, sett ta' 12-il inizjattiva ġew identifikati bħala kandidati u kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt koordinata².

Il-metroloġija ġiet rikonoxxuta mill-koleġiżlaturi bħala wieħed minn dawn l-oqsma ta' prijorità skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u għalhekk il-proposta attwali għal Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija. Din tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP) u l-Programm Ewropew tal-Metroloġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (EMPIR). Madankollu, din l-inizjattiva tirrappreżenta sħubija ġdida biex tindirizza sfidi ġodda. Hija mhix maħsuba bħala sempliċi kontinwazzjoni ta' programmi preċedenti.

Il-proposta tirrigwarda l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija mwettaq minn diversi Stati Membri. Il-metroloġija hija l-istudju xjentifiku tal-kejl. Hija faċilitatur ewlieni tal-attività ekonomika u soċjali u, bħala tali, hija ben pubbliku. Bħalissa, il-programmi ta' riċerka dwar il-metroloġija ma għandhomx impatt fil-livell tal-UE minħabba l-frammentazzjoni tal-attivitàjiet u d-duplikazzjoni tal-isforzi bejn l-Istati Membri.

Dan fi żmien meta l-Ewropa qed tiffaċċja kompetizzjoni globali akbar fil-metroloġija f'termini ta' skala u fokus tal-investiment kif ukoll impenn finanzjarju fit-tul għall-objettivi tal-metroloġija. Fl-aħħar deċennju, l-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Indja żiedu l-investimenti

¹ Ir-Regolament (UE) ...[ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa].

² 12 biss kienu soġġetti għall-valutazzjoni tal-impatt koordinata, peress li inizjattiva waħda dwar il-Computing ta' prestazzjoni għolja kienet diġà soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt fl-2017 (SEC(2018)47).

tagħhom fil-metroloġija b'60 %, 50 % u 52 % rispettivament. Matul dan il-perjodu, l-investimenti fl-istituti Ewropej baqgħu relattivament statiċi u ma rreaġixxewx għal oqsma ta' riċerka ġodda u dejjem aktar importanti. Il-livell inadegwat ta' investiment fl-Ewropa, flimkien mal-frammentazzjoni tal-kapaċitajiet tal-metroloġija, irriżulta fi sforzi frammentati żżejjed, mingħajr ebda fokus strateġiku. Il-programmi preċedenti ffinanzjati fil-livell tal-UE, tal-ERMP u tal-EMPIR, urew il-kapaċità li titnaqqas din il-frammentazzjoni, kif ukoll li jikkofinanzjaw attivitajiet għal kapaċitajiet tal-metroloġija ġodda u prijoritajiet konġunti.

F'dawn l-aħħar snin, l-investimenti barra mill-UE komplew. Fl-Istati Uniti, l-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija (NIST), li huwa l-istitut nazzjonali tal-metroloġija tal-pajjiż, kellu baġit annwali ġenerali ta' USD 724,5 miljun fl-2018 u fl-2019. Azzjonijiet notevoli jinkludu programm iddedikat għal xjenzi ta' kejl esploratorju (il-“programm tal-laboratorju”) b'baġit annwali li jaqbeż is-USD 60 miljun u programm ta' riċerka għal kejl fundamentali, inkluż ix-xjenza kwantum li għandu baġit annwali ta' aktar minn USD 160 miljun. Skont l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli, l-Istitut Nazzjonali tal-Metroloġija (NIM) fiċ-Ċina kellu baġit operazzjonali ta' EUR 180 miljun fl-2018. Barra minn hekk, iċ-Ċina implimentat programm ta' riċerka mmirat għall-metroloġija bejn l-2016 u l-2019 ta' madwar EUR 65 miljun u ffinanzjat 160 proġett ta' riċerka kollaborattiva madwar iċ-Ċina. B'paragun ma' dan, PTB, l-Istitut Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI) fil-Ġermanja u l-akbar fl-Ewropa, għandu baġit annwali operazzjonali totali ta' EUR 200 miljun, fejn il-biċċa l-kbira tiegħu mhijiex immirata lejn ir-riċerka, iżda lejn is-servizzi tal-metroloġija għall-industrija u s-soċjetà.

Il-kompetituri globali tagħna qed jagħmlu dawn l-investimenti strateġiċi minħabba l-ħtieġa dejjem akbar għal soluzzjonijiet ta' metroloġija mmirati lejn teknoloġiji emerġenti u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda. Barra minn hekk, iż-żieda fl-isfidi tas-soċjetà li jirrikjedu standards u regolamenti affidabbli tagħmilha urġenti li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' integrazzjoni tal-metroloġija fis-sistema ta' innovazzjoni fil-livell Ewropew.

Sabiex tinżamm it-tmexxija kompetittiva tal-Ewropa fit-teknoloġiji emerġenti u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u biex jiġi żgurat approċċ li jħares 'il quddiem lejn standards u regolamenti affidabbli li jantiċipaw l-isfidi tas-soċjetà³, huwa essenzjali li l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Metroloġija tiżgura li sal-2030, is-soluzzjonijiet tal-metroloġija fl-Ewropa jkunu mill-anqas ugwali għal dawk tal-aqwa atturi globali, fid-dimostrazzjoni ta' klassi dinjija fl-għoti ta' servizzi ta' metroloġija għal sfidi ta' kejl eżistenti u kumplessi u teknoloġiji ġodda. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' networks pan-Ewropej speċjalizzati li jgħaqqdu r-riżorsi biex tinkiseb massa kritika ta' kapaċitajiet. Dawn is-soluzzjonijiet ta' metroloġija jenħtieġ li jappoġġaw il-bejgħ ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda billi jadottaw u jużaw teknoloġiji emerġenti ewlenin. Is-soluzzjonijiet jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għat-tfassil u għall-implimentazzjoni effettivi ta' standards u regolamenti speċifiċi li jirfdu l-politiki pubbliċi li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà.

³ Ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea jindika li l-UE “issa jeħtieġ li ssaħħaħ alleanzi li jħarsu 'l quddiem biex tkompli ssawwar in-normi u l-istandards internazzjonali b'mod li jirrifletti l-valuri u l-interessi Ewropej”, ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020 – Inwittu t-triq lejn Ewropa iktar reżiljenti, p. 15.

Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Peress li l-metroloġija hija faċilitatur tal-oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi kollha, it-titjib fil-kapaċitajiet tal-metroloġija jista' jaċċellera l-avvanz xjentifiku u l-iżviluppi industrijali biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi relatati, pereżempju, fis-saħħa, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni soċjali u l-wirt kulturali. Kwalunkwe inizjattiva futura Ewropea dwar il-metroloġija għar-riċerka u l-innovazzjoni konġunti għalhekk jeħtieġ li toħloq u tisfrutta rabtiet ma' diversi inizjattivi oħra taħt Orizzont Ewropa u lil hinn.

F'Orizzont Ewropa, il-metroloġija hija rilevanti għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati taħt ir-raggruppament diġitali, tal-industrija u tal-ispazju tal-programm, peress li l-kejl preċiż u robust ipprovdut mill-metroloġija jagħti kontribut kritiku fis-setturi tal-manifattura, b'mod partikolari għall-manifattura bi preċiżjoni għolja ta' prodotti b'valur miżjud għoli bħall-ajruspazju, it-tagħmir spazjali u tal-ICT ta' prestazzjoni għolja u l-farmaċewtiċi.

Madankollu, l-użu ta' kejl preċiż robust huwa ħafna usa' minn dan, u għalhekk is-sħubija Ewropea dwar il-metroloġija hija rilevanti għal firxa wiesgħa ta' oqsma u inizjattivi Ewropej oħra tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati. Pereżempju, dan huwa rilevanti għat-tħaddim ta' grilji elettriċi intelliġenti. Il-metroloġija hija importanti wkoll biex jiġi żgurat kejl preċiż fid-dijanjożtika u fl-għoti tal-kura tas-saħħa.

B'mod aktar ġenerali, hemm komplementarjetajiet mas-Sħubiji Ewropej previsti taħt Orizzont Ewropa għal:

- industriji diġitali intensivi, bħal Magħmul fl-Ewropa fir-rigward tal-manifattura diskreta;
- il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO₂ u t-tniġġis tal-arja b'mod ġenerali taħt is-Sħubiji "Tranżizzjoni Enerġetika Nadifa" u "Processes4Planet";
- Teknoloġiji diġitali ewlenin; Networks u servizzi intelliġenti, Intelliġenza artifiċjali, data u robotika;
- Il-kisba ta' trasport bit-triq b'emissjonijiet żero (2Zero), Trasport bit-triq sikur u awtomatizzat permezz ta' sewqan konness, u Sħubija tal-avjazzjoni nadifa.
- Is-sinerġiji jenħtieġ li jinbnew ukoll bl-Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva u s-Sħubija għall-innovazzjoni u t-trasformazzjoni fuq skala kbira tas-sistemi tas-saħħa f'soċjetà diġitali u li qed tixjieħ. Minħabba n-natura trażversali tagħha, is-sħubija futura Ewropea dwar il-metroloġija jenħtieġ li tgħin ukoll fl-implimentazzjoni ta' missjonijiet futuri tal-Orizzont Ewropa. Hija jenħtieġ li tiżviluppa wkoll rabtiet mas-Sħubija Futura dwar il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa.

Lil hinn minn Orizzont Ewropa, se jinbnew komplementarjetajiet ma' programmi Ewropej oħra biex jiġi appoġġat l-użu ta' soluzzjonijiet tal-metroloġija bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali, u l-programm ambjentali LIFE. Grupp ta' Tmexxija ġdid se jissorvelja r-rabtiet u l-komunikazzjoni effiċjenti bejn is-Sħubija dwar il-Metroloġija u l-programmi rilevanti l-oħrajn.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-inizjattiva Ewropea dwar il-metroloġija se tikkontribwixxi b'mod wiesa' għal politiki oħra tal-Unjoni lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni. Bħala faċilitatur bejn is-setturi u bejn id-dixxiplini, is-soluzzjonijiet tal-metroloġija ikopru s-sitt prijoritajiet kollha segwiti mill-Kummissjoni, kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella: Ir-rwol tal-metroloġija fil-prijoritajiet tal-Kummissjoni

Prijorità	Illustrazzjonijiet tar-rwol tal-metroloġija
Patt Ekoloġiku Ewropew	Jipprovdi metrika għall-kisba tan-newtralità klimatika
Ekonomija għas-servizz tan-nies	Għodod ta' kejl innovattivi u aktar preċiżi huma integrali għal pjan ta' suċċess għall-ġlieda kontra l-kanċer
Ewropa Lesta għall-Era Diġitali	Ċentrali għall-istabbiliment ta' standards għan-networks 5G u għas-servizzi diġitali
Ħarsien tal-Istil ta' Ħajja Ewropew tagħna	Essenzjali biex tiġi pprovduta fiduċja f'Żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ biex jissaħħaħ l-approċċ Ewropew għall-ġestjoni tar-riskju doganali
Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja	Tirfed ir-rwol tal-Ewropa bħala entità li tistabbilixxi l-istandards, li tmexxi aġenda b'saħħitha, miftuħa u ġusta għall-kummerċ u sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li tiffunzjona
Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea	Tiżgura standards għall-protezzjoni tal-Ewropa kontra interferenza esterna moħbija

Il-metroloġija tiżgura li meta jittieħed kejl, dan ikun traċċabbli għal definizzjonijiet u standards miftiehma internazzjonalment. Din hija l-bażi ta' sistemi nazzjonali u internazzjonali tal-metroloġija li joħolqu l-kejl preċiż u affidabbli li huwa l-bażi ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi u ta' servizzi pubbliċi u li jkopru s-suq intern kollu f'ekonomija għas-servizz tan-nies. Dan jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur kif ukoll tas-servizzi finanzjarji, fejn il-metroloġija tippermetti li kull tranżazzjoni finanzjarja tiġi kronogrammata b'mod preċiż biex tiġi żgurata evidenza traċċabbli ta' dan u biex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti finanzjarji Ewropej.

Sabiex titrawwem Ewropa Lesta għall-Era Diġitali, kapaciċitajiet preċiżi tal-kejl l-aktar avvanzati fl-istituti nazzjonali tal-metroloġija u fl-istituti ddeżinjati se jippermettu servizzi diġitali moderni iżda wkoll it-teknoloġiji diġitali emerġenti kollha, bħall-intelliġenza kwantum jew artifiċjali.

Il-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 se teħtieġ kapaciċitajiet ta' kejl ċari fit-telerilevament (bħall-osservazzjoni tad-dinja), l-ambjent u l-enerġija. B'mod aktar speċifiku, l-oqsma ta' politika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huma kollha direttament relatati mal-isfidi tal-metroloġija. Kapaciċitajiet ta' kejl preċiżi u traċċabbli jippermettu monitoraġġ ambjentali robust tal-istat tal-klima. Huma jappoġġaw ukoll it-tfassil u l-infurzar effettivi tar-regolamenti ambjentali billi jipprovdu *data* affidabbli għall-varjabbli klimatiċi li jappoġġaw il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u għall-parametri ambjentali bħall-kwalità tal-arja u tal-ilma.

Ix-xjenza tal-kejl għall-enerġija, pereżempju, se tkun essenzjali biex tgħin fit-tranżizzjoni lejn enerġiji rinnovabbli. F'futur b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-fehim tad-daqs, il-perjodu ta' żmien u l-impatt tat-tibdil fil-klima se jkunu ċentrali. Dan jeħtieġ monitoraġġ preċiż u affidabbli tal-varjabbli klimatiċi kollha fuq il-perjodi ta' żmien twal meħtieġa biex jiġu identifikati u mifhuma x-xejriet klimatiċi.

Barra minn hekk, il-metroloġija jenħtieġ li tirfed regolamenti ambjentali adattati għall-iskop tagħhom, bħal dwar it-tniġġis tal-ilma jew tal-arja, inkluż il-monitoraġġ u l-infurzar. Lil hinn mill-enerġija u l-ambjent, l-oqsma ta' politika tal-Patt Ekoloġiku bħall-**industrija sostenibbli, il-mobbiltà sostenibbli, u l-bijodiversità** kollha se jeħtieġu sistema ta' metroloġija moderna u kapaċi.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Bażi ġuridika

Il-proposta għal inizzjattiva Ewropea dwar il-metroloġija hi msejsa fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE, li jikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp li jwettqu bosta Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawh il-programmi.

Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika billi l-proposta mhix fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Is-sussidjarjetà hi ssalvagwardjata billi l-proposta hija msejsa fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE, li b'mod espliċitu jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-programmi tar-riċerka mwettqa minn bosta Stati Membri.

L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jilhqqu biżżejjed l-oġettivi tal-proposta għax l-iskala u l-kumplexità tar-rekwiżiti tal-metroloġija jeħtieġu investimenti li jmorru lil hinn mill-baġits tar-riċerka ewlenin tal-istituti nazzjonali tal-metroloġija. L-eċċellenza meħtieġa għar-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet avvanzati tal-metroloġija hi mifruxa fost il-fruntieri nazzjonali u għalhekk ma tistax tinkiseb bi sforz biss fuq livell nazzjonali. Mingħajr approċċ konsistenti fuq livell Ewropew mal-massa kritika, hemm riskju kbir ta' dupplikazzjoni ta' sforzi, li jwassal għal kostijiet akbar u għal inqas impatt.

L-appoġġ fil-livell tal-UE sal-lum wera l-ambitu li hemm għat-trawwim ta' livelli sinifikanti ta' integrazzjoni tal-isforzi ta' riċerka dwar il-metroloġija madwar l-Ewropa. Sal-lum, l-integrazzjoni kienet xprunata minn kollaborazzjoni fil-livell tal-proġett minn isfel għal fuq. Minħabba l-importanza dejjem akbar tagħha fl-iffaċilitar ta' teknoloġiji emerġenti u fir-rispons għall-isfidi tas-soċjetà, huwa meħtieġ approċċ aktar strateġiku għall-integrazzjoni tal-isforzi tal-metroloġija biex tissaħħaħ id-direzzjonalità tar-riċerka. Għaldaqstant, il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE permezz tal-inizzjattiva Ewropea dwar il-metroloġija se jiġi mill-iżvilupp u mill-implimentazzjoni ta' approċċ aktar programmatiku li jimmira r-riċerka dwar il-metroloġija f'oqsma ta' importanza teknoloġika u tas-soċjetà emerġenti.

Proporzjonalità

L-Artikolu 185 tat-TFUE jistieden lill-Unjoni biex “bi ftehim mal-Istati Membri involuti, tipprovdi dwar parteċipazzjoni tagħha fi programmi ta' riċerka u żvilupp, immedija minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-programmi”.

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi l-Istati Membri se jkunu responsabbli biex jiżviluppaw il-programm konġunt tagħhom u kull aspekk operazzjonali. L-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata – l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (EURAMET) - diġà wriet f'inizzjattivi preċedenti dwar il-metroloġija fil-livell Ewropew (l-EMRP u l-EMPIR) li tista' timplimenta l-programm b'mod effiċjenti u effettiv. L-Unjoni se tagħti inċentivi għal koordinazzjoni aħjar, biex tiżgura sinerġiji ma' u

kontribuzzjonijiet lill-politiki tal-UE u lill-prijoritajiet ta' Orizzont 2020, tissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm u tiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-impatt *ex ante* għall-inizjattiva Ewropea dwar il-metroloġija tikkonkludi li l-Artikolu 185 tat-TFUE huwa l-aktar bażi xierqa biex jintlaħaq l-oġġettivi. Dan huwa spjegat fid-dettall fit-Taqsima 6 tal-valutazzjoni tal-impatt⁴, fejn inizjattiva skont l-Artikolu 185 tat-TFUE hija l-aħjar f'termini ta' effettività u koerenza u hija kosteffiċjenti daqs l-opzjoni bażi tas-sejthiet għal proposti ta' Orizzont Ewropa.

Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-impatt tikkonferma fis-Sottotaqsima 6.4 li din il-forma ta' sħubija ttipprovdi qafas stabbli, li jiżgura l-impenn tas-sħab għall-oġġettivi fit-tul. Hija ttipprovdi wkoll il-bażi għal approċċ strateġiku għall-iżvilupp futur tal-metroloġija fl-Ewropa u, f'dan ir-rigward, tkun flessibbli biżżejjed biex tippermetti gwida minn fuq għal isfel minn grupp ta' tmexxija u implimentazzjoni mmirata tal-inizjattiva permezz ta' networks speċjalizzati.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tiddetermina li billi tiffaċilita approċċ strateġiku fit-tul u implimentazzjoni mmirata, din il-forma ta' sħubija tattira impenn u parteċipazzjoni akbar mill-industrija u minn utenti finali oħrajn, u dan iwassal għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet metroloġiċi. Dan l-approċċ strateġiku u l-implimentazzjoni mmirata, flimkien ma' żieda fil-parteċipazzjoni tal-industrija u ta' utenti finali oħra, iwittu t-triq għal sistema ta' metroloġija b'kapaċitajiet ferm aktar b'saħħithom u bl-ogħla prestazzjoni fil-livell globali.

Għażla tal-istrument

L-inizjattiva Ewropea dwar il-metroloġija proposta se tkun ibbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni interim u analiżi tal-opzjonijiet fil-valutazzjoni tal-impatt urew li l-Artikolu 185 hu l-aktar mezz xieraq biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva Ewropea dwar il-metroloġija. Din il-konklużjoni hija konformi mal-konklużjonijiet li ntlaħqu għall-programmi preċedenti (l-EMRP u l-EMPIR). Għal dan it-tip ta' strument skont l-Artikolu 185 tat-TFUE, l-Artikolu 188(2) tat-TFUE jeħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw deċiżjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Evalwazzjonijiet *ex-post*

Fl-2017, grupp ta' esperti esterni indipendenti wettaq evalwazzjoni interim tal-EMPIR, l-inizjattiva dwar il-metroloġija skont l-Artikolu 185 tat-TFUE.

L-evalwazzjoni kkonfermat li l-programm tal-EMPIR kien għamel progress tajjeb fl-ilħuq tal-biċċa l-kbira tal-oġġettivi tal-programm u kien mistenni li jżid il-fatturat Ewropew billi jagħmel użu mit-teknoloġiji żviluppati.

L-evalwazzjoni rrakkomandat sħubija ġdida fil-livell Ewropew abbażi ta' tliet rakkomandazzjonijiet. L-ewwel nett, il-komponent strateġiku jenħtieġ li jissaħħa. L-istituti

⁴ Valutazzjoni tal-Impatt ta' Referenza Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija

nazzjonali tal-metroloġija jenħtieġ li jinvolvu ruħhom ma' komunitajiet oħra ta' partijiet ikkonċernati biex jiżviluppaw "ktajjen tal-valur tal-metroloġija" li jistgħu jappoġġaw is-suq uniku. L-evalwazzjoni ma rrakkomandatx li struttura Ewropea ċentralizzata timplimenta r-rakkomandazzjoni. Din kienet favur approċċ minn isfel għal fuq għall-attivitajiet ta' metroloġija, ibbażat fuq objettivi miftiehma fil-livell Ewropew. Għal dawn ir-raġunijiet, l-evalwazzjoni rrakkomandat li jenħtieġ li jkunu inklużi "ċentri ta' eċċellenza" pan-Ewropej fil-forma ta' networks ("networks Ewropej tal-metroloġija") fi sħubija suċċessur potenzjali sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-metroloġija biex twieġeb għal sfidi kbar tas-soċjetà.

It-tieni, ir-rwol tal-partijiet ikkonċernati esterni, bħall-universitajiet u l-industrija jenħtieġ li ma jibqax limitat għall-parteċipazzjoni fi proġetti magħżula wara s-sejħiet. Minflok, fil-futur jenħtieġ li jkunu aktar involuti fl-iżvilupp tal-programm u jkollhom aktar opportunitajiet biex jipparteċipaw fil-proġetti.

It-tielet rakkomandazzjoni kienet għall-implimentazzjoni tal-programm biex jiġu indirizzati b'mod proattiv l-applikazzjonijiet tal-metroloġija f'oqsma xjentifiċi emerġenti u biex tingħata attenzjoni akbar lill-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.

Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa mal-partijiet ikkonċernati dwar inizjattiva Ewropea futura fil-metroloġija⁵. 225 risponent wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika online. Minn dawn, 50 % identifkaw lilhom infushom bħala akkademiċi/riċerkaturi, 16 % bħala ċittadini tal-UE, 14 % bħala organizzazzjonijiet tal-kumpaniji/tan-negozju u 12 % bħala awtoritajiet pubbliċi. It-8 % li jifdal kienu jinkludu assoċjazzjonijiet tan-negozju, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ċittadini mhux tal-UE u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Ir-rispondenti pprovdew il-fehmiet tagħhom dwar ir-rilevanza tar-riċerka dwar il-metroloġija, identifkaw problemi li tiffaċċja s-sistema Ewropea ta' riċerka dwar il-metroloġija u vvalutaw diversi soluzzjonijiet ta' politika possibbli. Mill-konsultazzjoni haġu għadd ta' problemi fosthom li mhux qed isir sfruttament industrijali biżżejjed, in-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMIs) mal-bażi xjentifika usa', id-diskrepanzi fil-kapaċitajiet bejn l-Istati Membri tal-UE, il-mobbiltà insuffiċjenti tar-riċerkaturi fl-NMIs u n-nuqqas ta' involviment fil-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej.

Ġbir u użu tal-għarfien espert

Fit-tnejn tal-proposta għall-inizjattiva Ewropea dwar il-metroloġija, il-Kummissjoni impenjat ruħha b'firxa wiesgħa ta' għarfien espert estern. L-approċċ kien li ssir kapitalizzazzjoni mill-analiżi minn studju estern indipendenti, ikkumplementata b'laqgħat u intervisti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, kif ukoll feedback bil-miktub.

⁵ Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa saret minn Settembru sa Novembru 2019.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkuntrattat studju estern li jkopri s-sħubijiet istituzzjonalizzati kandidati kollha, inkluż il-metroloġija⁶ u rreferiet b'mod estensiv għall-analiżi u għas-sejbiet tagħha fit-tnejja tal-proposta dwar il-metroloġija.

B'mod parallel, il-Kummissjoni organizzat laqgħat u wettqet intervisti matul l-2019 ma' EURAMET e.V, u esperti oħra tal-metroloġija.

Il-Kummissjoni organizzat ukoll sessjoni ta' ħidma konsultattiva mal-esperti tal-Istati Membri f'Novembru 2019. Sussegwentement, f'Marzu 2020 kien hemm konsultazzjoni bil-miktub tal-ministeri nazzjonali bir-responsabbiltà għall-metroloġija⁷.

Valutazzjoni tal-impatt

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għall-inizjattiva dwar il-metroloġija proposta tlesta f'Ġunju 2020 (SWD(2021) 36).

Fil-15 ta' Lulju 2020, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva dwar ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt (SEC(2021)91). Fl-opinjoni tiegħu, l-RSB talab dan li ġej:

(1) Bħala parti mill-oġettiv li jiġu żviluppati networks ta' metroloġija transnazzjonali, ir-rapport jispjega li f'ċertu punt (sal-2030), sħubija ma tibqax meħtieġa. Ir-rapport jenħtieġ li jiċċara għaliex dan huwa inkluż fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt u kif jorbot mal-inizjattiva attwali, li tkopri l-perjodu ta' finanzjament sal-2027. Jekk jiġi kkonfermat li sħubija ma tibqax meħtieġa, ir-rapport jenħtieġ li juri b'mod aktar ċar kif is-sħubija proposta bħalissa hija mistennija tgħin biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-waqfien futur tagħha.

(2) Ir-rapport jenħtieġ li jispjega aħjar kif l-atturi tas-settur privat ikunu involuti taħt il-forma ta' sħubija "pubblika-pubblika" ppreferuta. Dan jenħtieġ li jiċċara l-inċentivi biex jinvolvu ruħhom.

(3) Ir-rapport jista' jipprovdi b'mod utli aktar spjegazzjoni ta' sfond dwar il-korpi nazzjonali ta' riċerka dwar il-metroloġija u kif jiffunzjonaw.

Il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi l-opzjonijiet li ġejjin:

Ix-xenarju bażi kien sitwazzjoni mingħajr sħubija u b'sejħiet għal proposti tradizzjonali biss taħt Orizzont Ewropa. Dan jirriżulta fl-għeluq tal-istruttura ta' implimentazzjoni attwali tal-Artikolu 185 bit-tmiem ta' proġetti tal-EMPIR li għadhom għaddejjin fl-2023, u dan iwassal għal kostijiet ta' stralċ u ta' waqfien soċjali.

⁶ Technopolis Group (2020), Impact Assessment Study for Institutionalised European Partnerships under Horizon Europe, Final Report, Study for the European Commission, DG Research & Innovation

⁷ Il-Kummissjoni kkonsultat esperti mill-ministeri tal-Istati Membri tal-UE u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li kienu qed imexxu l-programm nazzjonali tagħhom dwar il-metroloġija. Mit-32 pajjiż, 20 ipprovdew feedback, li minnhom 16 esprimew b'mod ċar l-appoġġ tagħhom għat-tkomplija tal-inizjattiva dwar il-metroloġija fil-forma ta' sħubija istituzzjonalizzata filwaqt li ma kien hemm l-ebda opinjoni li tikkontradixxi din l-idea. B'kollox, 89 % tal-korrispondenti qiesu l-metroloġija rilevanti għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka tagħhom, inklużi l-universitajiet, filwaqt li 86 % qisuhha rilevanti għall-politiki u għall-prijoritajiet nazzjonali.

Skont l-Opzjoni 1, tiġi stabbilita Sħubija Ewropea kofinanzjata. Sħubija bħal din tagħmilha aktar faċli għall-NMIs biex jiġbru r-riżorsi flimkien iżda tkun ta' riskju kbir li dawn isiru "klabb magħluq", li jiskoraġġixxi lill-akkademja milli tinvolvi ruħha.

Fl-Opzjoni 2, tiġi stabbilita Sħubija Ewropea Istituzzjonalizzata (l-Artikolu 185 tat-TFUE). Inizjattiva bħal din tibni fuq il-progress li sar taħt l-EMPIR, is-Sħubija Ewropea Istituzzjonalizzata eżistenti, billi tespandi l-lista ta' networks Ewropej tal-metroloġija b'oħrajn addizzjonali b'oqsma ta' prijorità ġodda. Din tkun tinvolvi atturi mill-katina usa' tal-valur tal-metroloġija, inklużi ministeri nazzjonali, korpi ta' standardizzazzjoni, regolaturi, industrija, utenti finali u konsumaturi. Il-livell ta' finanzjament tal-UE taħt Orizzont Ewropa jiżdied meta mqabbel ma' Orizzont 2020 minħabba r-riżorsi meħtieġa biex jikkumpensaw għaż-żieda fil-kamp ta' applikazzjoni.

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ikkonkluda li l-Opzjoni 2 hija l-opzjoni ppreferuta. Dan huwa konformi mar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, fejn 62 % tar-rispondenti kienu favur Sħubija Istituzzjonalizzata bħala l-opzjoni ppreferuta għall-inizjattiva l-għdida fil-metroloġija. L-erba' sottogruppi ewlenin kollha ta' rispondenti (akkademiċi, kumpaniji/negozji, ċittadini tal-UE u rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi) qablu, u ma kien hemm l-ebda grupp ta' minoranza li ffavorixxa opzjoni differenti.

Il-benefiċċji ekonomiċi tal-inizjattiva proposta għandhom kemm komponent dirett kif ukoll indirett. Il-komponent dirett huwa ż-żieda fil-bejgħ tal-istrumentazzjoni u tas-servizzi marbuta fl-industrija. Dan huwa stmat għal EUR 50 miljun fis-sena. Barra minn hekk, l-oġettiv tal-promozzjoni tal-innovazzjoni f'oqsma ta' applikazzjoni strateġika, indirettament għandu impatt addizzjonali ingranat fit-tul fuq il-bejgħ. Il-benefiċċji soċjali u ambjentali huma direttament relatati man-networks tal-metroloġija speċjalizzati. In-networks jipprovdu soluzzjonijiet metroloġiċi speċifiċi għall-partijiet ikkonċernati kollha tul il-katina tal-valur tal-metroloġija, inklużi l-industrija, l-utenti finali u ċ-ċittadini.

Simplifikazzjoni

Il-proposta se tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi (tal-UE jew nazzjonali) u għall-partijiet privati.

L-UE se taħdem direttament mal-istruttura speċifika tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva Ewropea dwar il-metroloġija, li se tkun qed tieħu ħsieb talloka, timmonitorja u tirrapporta dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-UE.

Drittijiet fundamentali

Id-Deċiżjoni proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, inklużi l-appropriazzjonijiet tal-EFTA, għall-isħubija tal-metroloġija se tkun ta' EUR 300 miljun fi prezzijiet attwali għat-tul ta' żmien tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni u tal-ftehim dwar il-kontribuzzjoni li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ta' implimentazzjoni speċifika (Euramet e.V.) jridu jiżguraw li l-interessi finanzjarji tal-UE jiġu mħarsa.

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

L-implimentazzjoni tal-inizjattiva se tkun ibbażata fuq aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni miftiehma mas-sħab nazzjonali fl-inizjattiva.

Il-prestazzjoni tal-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz ta' rapporti annwali approvati mill-Kummissjoni Ewropea. Dan se jinkludi r-rapportar tal-progress bl-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin u miżuri oħrajn stabbiliti fl-aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-proposta tinkludi klawżola ta' rieżami għal evalwazzjoni interim mhux aktar tard mill-2025 u evalwazzjoni finali mhux aktar tard mill-2030.

Żona Ekonomika Ewropea

Id-Deċiżjoni proposta tikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk jenħtieġ li tinkludi ż-Żona Ekonomika Ewropea. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kumplimentarjetà ma' pajjiżi terzi, il-parteċipazzjoni tagħhom hija prevista permezz ta' dispożizzjoni korrispondenti.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni proposta jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku attwali u futur possibbli għas-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija.

L-Artikolu 2 jenfasizza r-rabta mar-Regolament Orizzont Ewropa u jistabbilixxi l-oġettiv ta' tali sħubija f'dan l-isfond. Huwa jistabbilixxi wkoll l-oġettivi ġenerali u speċifiċi li magħhom jenħtieġ li tikkonforma sħubija futura u twettaqhom.

L-Artikoli 3 u 4 jippreskrivu l-kontribuzzjoni finanzjarja li l-Unjoni Ewropea se tagħmel lill-EURAMET mill-baġit tal-UE.

L-Artikoli 5, 6 u 7 jistabbilixxu l-obbligi li taħtom l-Istati Membri u pajjiżi parteċipanti oħra jistgħu jikkontribwixxu għas-sħubija futura. Din tiċċara li l-pajjiżi parteċipanti jenħtieġ li ma jaqblux biss mal-kontribuzzjoni tal-UE iżda jenħtieġ li jiffinanzjaw ukoll attivitajiet rilevanti oħra, bħal networks Ewropej tal-metroloġija futuri.

L-Artikolu 8 jiċċara r-regoli ta' parteċipazzjoni li għalihom jista' jkun hemm deroga għar-regoli ta' Orizzont Ewropa f'każijiet debitament ġustifikati; dan jistabbilixxi wkoll il-garanziji minimi biex jiġi żgurat aktar fluw tas-sejħiet futuri, pereżempju mhux biss l-istituti nazzjonali tal-metroloġija iżda wkoll partijiet ikkonċernati oħra jenħtieġ li jkunu intitolati li jikkoordinaw proġetti futuri taħt din is-sħubija.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi l-qafas għall-ftehimiet ta' implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-EURAMET. L-Artikolu 10 jippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tagħxi jekk il-pajjiżi parteċipanti jonqsu milli jikkonformaw mal-impenji tagħhom skont din id-Deċiżjoni. L-Artikoli 11 u 12 jipprovdu salvagwardji biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

Dwar il-governanza futura tas-sħubija, l-Artikoli 13 sa 17 jistabbilixxu qafas ġdid. Filwaqt li primarjament hija r-responsabbiltà tal-EURAMET li jistabbilixxi din is-sħubija, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' Grupp ta' Tmexxija estern kopresedut mill-Kummissjoni u minn rappreżentant ta' Stat Membru; il-Grupp jenħtieġ li joffri spinta biex is-sħubija l-ġdida tkun eqreb tal-ħtiġijiet tal-utenti u jsaħħaħ l-impatt tagħha fuq l-industrija, ir-

regolamentazzjoni u l-iffissar ta' standards. Il-Grupp jenħtieġ li jinkludi wkoll rappreżentanti minn sħubijiet Ewropej oħra ma' sħab privati.

Bl-istess mod bħal fil-każ ta' sħubijiet istituzzjonali oħra, l-Artikolu 18 jipproponi evalwazzjoni interim u finali f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar. L-Artikoli 19 sa 21 huma maħsuba biex jiżguraw funzjonament bla xkiel tas-Sħubija Ewropea futura.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija mwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) Sabiex jinkiseb l-akbar impatt possibbli tal-finanzjament tal-Unjoni u l-aktar kontribut effettiv għall-oġettivi ta' politika tal-Unjoni, ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ stabbilixxa Orizzont Ewropa, il-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni, jiġifieri, il-qafas ta' politika u legali għas-Sħubijiet Ewropej ma' sħab privati u/jew tas-settur pubbliku. Is-Sħubijiet Ewropej huma element ewlieni tal-approċċ ta' politika ta' Orizzont Ewropa. Dawn huma stabbiliti biex iwettqu l-prijoritajiet tal-Unjoni fil-mira ta' Orizzont Ewropa u jiżguraw impatt ċar għall-Unjoni u għan-nies tagħha, li jista' jinkiseb b'mod aktar effettiv fi sħubija, permezz ta' viżjoni strateġika li hija kondiviża bejn is-sħab u li s-sħab huma impenjati li jwettqu, pjuttost milli mill-Unjoni waħedha.
- (2) B'mod partikolari, is-Sħubijiet Ewropej fil-pilastru ta' Orizzont Ewropa "Sfidi globali u kompetittività industrijali Ewropea" huma mistennija li jkollhom rwol importanti fl-ilħuq tal-oġettivi strateġiċi tal-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet lejn għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u Ewropa ekoloġika u diġitali u fil-kontribut għall-irkupru.¹⁰ Is-Sħubijiet Ewropej huma kruċjali biex jiġu indirizzati sfidi transfruntieri kumplessi li jeħtieġu approċċ integrat. Dawn jagħmluha possibbli li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' trasformazzjoni, sistematiċi u tas-suq billi jgħaqqdu flimkien lil firxa wiesgħa ta' atturi fil-ktajjen tal-valur u fl-ekosistemi industrijali biex jaħdmu lejn viżjoni komuni u

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ Ir-Regolament [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [data] li jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (ĠU C , , p.). [*Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza sħiħa*].

¹⁰ Il-Kummissjoni Ewropea (2018), il-Valutazzjoni tal-Impatt ta' Orizzont Ewropa, SWD(2018) 307

jsarrfuha fi pjanijiet direzzjonali konkreti u implimentazzjoni koordinata tal-attivitajiet. Barra minn hekk, dawn jippermettu li l-isforzi u r-riżorsi jiġu kkonċentrati fuq prijoritajiet komuni biex jiġu solvuti l-isfidi kumplessi li ġejjin.

- (3) Sabiex jitwettqu l-prijoritajiet u jagħmlu impatt, Sħubijiet Ewropej jenħtieġ li jiġu żviluppati permezz ta' involviment wiesa' tal-partijiet ikkonċernati rilevanti madwar l-Ewropa, inkluż l-industrija, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, il-korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħal fondazzjonijiet li jappoġġaw u/jew iwettqu riċerka u innovazzjoni. Dawn is-Sħubijiet Ewropej jenħtieġ li jkunu wkoll waħda mill-miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-sħab privati u/jew tas-settur pubbliku fil-livell internazzjonali, inkluż billi jingħaqdu fi programmi ta' riċerka u innovazzjoni u investment transfruntiera fir-riċerka u l-innovazzjoni, li jġibu benefiċċji reċiproki għan-nies u n-negozji.
- (4) F'konformità mal-oġġettivi tar-Regolament (UE) XXX, kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat ma' Orizzont Ewropa jenħtieġ li jkun intitolat li jipparteċipa fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija ("is-Sħubija dwar il-Metroloġija"). Sabiex tiġi żgurata l-kumplimentarjetà fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea u ma' pajjiżi ġirien oħra, pajjiżi terzi oħra jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-Sħubija dwar il-Metroloġija, skont il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali rilevanti għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni u l-ftehim tal-Istati Parteċipanti.
- (5) Orizzont Ewropa jintroduċi approċċ aktar strateġiku, koerenti u xprunat mill-impatt għas-Sħubijiet Ewropej, li jibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020. Ir-Regolament Orizzont Ewropa għandu l-għan li jagħmel użu aktar effettiv mis-Sħubijiet Ewropej Istituzzjonalizzati, b'mod partikolari billi jiffoka fuq oġġettivi, riżultati u impatt ċari li jistgħu jinkisbu sal-2030, u billi jiżgura kontribut ċar għall-prijoritajiet tal-politika u l-politiki tal-Unjoni relatati. Il-kollaborazzjoni mill-qrib u s-sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari ma' sħubijiet Ewropej oħra, se jkunu kruċjali biex jinkiseb impatt akbar u biex jiġi żgurat li jintużaw ir-riżultati.
- (6) Bid-Deċiżjoni Nru 555/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, l-Unjoni ddeċidiet li tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-programm Ewropew tal-metroloġija għall-innovazzjoni u r-riċerka ("EMPIR") li taqbel ma' dik tal-Istati parteċipanti iżda li ma taqbix it-EUR 300 000 000, għad-durata tal-programm qafas ta' bejn l-2014 u l-2020 għar-riċerka u l-innovazzjoni ("Orizzont 2020") stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹². Fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-EMPIR f'Lulju 2017, ġiet issuġġerita inizjattiva ġdida.

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 555/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-partiċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għall-Innovazzjoni u r-Riċerka (EMPIR) li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 2).

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

- (7) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun soġġetta għal impenji formali mill-Istati Parteċipanti li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-implimentazzjoni tas-Sħubija dwar il-Metroloġija u għat-twettiq ta' daww l-impenji. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti jenħtieġ li jinkludu kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi soġġetta għal-limitu ta' 5 % tal-Baġit tas-Sħubija dwar il-Metroloġija. L-Istati Parteċipanti jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom li jżidu, jekk ikun meħtieġ, il-kontribuzzjoni tagħhom għas-Sħubija dwar il-Metroloġija billi jistabbilixxu kapacià ta' finanzjament ta' riżerva biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiffinanzjaw l-entitajiet nazzjonali tagħhom, l-istituti nazzjonali tal-metroloġija (NMIs) u l-istituti ddeżinjati (DIs) li jipparteċipaw fl-attivitajiet tas-Sħubija dwar il-Metroloġija. L-implimentazzjoni konġunta tas-Sħubija dwar il-Metroloġija teħtieġ struttura ta' implimentazzjoni. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun ġestita skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u r-regoli rilevanti dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.
- (8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita s-Sħubija dwar il-Metroloġija. Tali sħubija tkun aktar effettiva meta mqabbla ma' sejħiet tradizzjonali jew sħubija kofinanzjata taħt il-programmi ta' hídma ppreparati taħt ir-raggruppamenti relatati kollha tal-Pilastru 2 ta' Orizzont Ewropa.
- (9) L-oġġettiv ta' din id-Deċiżjoni huwa l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija dwar il-Metroloġija sabiex tappoġġa l-oġġettivi ġenerali tagħha. Ir-rekwiżiti tal-metroloġija huma ta' tali skala u kumplessità li huma meħtieġa investimenti li jmorru lil hinn mill-baġits tar-riċerka ewlenin tal-NMIs u d-DIs. L-eċċellenza meħtieġa għar-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-metroloġija avvanzati hi mifruxa fost il-fruntieri nazzjonali u għalhekk ma tistax tinkiseb biss fuq livell nazzjonali. Billi l-oġġettiv ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġu integrati l-isforzi nazzjonali f'approċċ Ewropew konsistenti, billi jingħaqdu flimkien programmi nazzjonali ta' riċerka u ta' innovazzjoni kompartmentalizzati, billi tingħata għajnuna biex jitfasslu strateġiji komuni tar-riċerka u l-finanzjament bejn il-konfini nazzjonali, u billi tinkiseb il-massa kritika ta' atturi u ta' investimenti meħtieġa, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (10) Is-Sħubija dwar il-Metroloġija, allinjata mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni (inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ekonomija għas-servizz tan-nies, u Ewropa Lesta għall-Era Diġitali) jenħtieġ li tiġi implimentata fuq perjodu ta' għaxar snin (mill-2021 sal-2031). Il-programm jenħtieġ li jinkludi attivitajiet ġodda meta mqabbel mal-

¹³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

inizjattiva tal-EMPIR taħt Orizzont 2020, u b' mod partikolari, l-iżvilupp ta' networks Ewropej tal-metroloġija, li se jirrispondu għall-isfidi tas-soċjetà urġenti u l-ħtiġijiet tal-metroloġija minn teknoloġiji emerġenti. Il-kapaċità tal-metroloġija pprovduta permezz ta' dawn in-networks jenħtieġ li tkun ekwivalenti u komparabbli għas-sistemi l-oħrajn tal-metroloġija ewlenin fid-dinja, li turi eċċellenza ta' klassi dinjija. Is-sejħiet għal proposti taħt is-Sħubija dwar il-Metroloġija jenħtieġ li jitnedew matul l-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa.

- (11) L-attivitajiet tas-Sħubija dwar il-Metroloġija jenħtieġ li jkunu konformi mal-oġettivi u mal-prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa u mal-prinċipji u l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) [ir-Regolament Orizzont Ewropa].
- (12) Jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu massimu għall-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Unjoni fis-Sħubija dwar il-Metroloġija għad-durata ta' Orizzont Ewropa. Fi ħdan il-limitu ta' dak il-limitu massimu, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun daqs il-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti fis-Sħubija dwar il-Metroloġija ħalli jintlaħaq effett qawwi ta' ingranaġġ u tkun żgurata integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-programmi tal-Istati Parteċipanti.
- (13) F'konformità mal-Artikolu XX tar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament Orizzont Ewropa], l-oġettiv ġenerali ta' Orizzont Ewropa huwa li jwassal impatt xjentifiku, ekonomiku u tas-soċjetà mill-investimenti tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jissaħħu l-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni u titrawwem il-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, li jwettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, u li jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi globali, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jsegwi l-prinċipji tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.
- (14) L-Istati Parteċipanti qablu dwar l-istruttura ta' implimentazzjoni għall-inizjattivi predeċessuri, il-programm Ewropew ta' riċerka dwar il-metroloġija ("EMRP") u l-EMPIR. Fl-2007, il-EURAMET e.V. ("EURAMET"), l-Organizzazzjoni Reġjonali Ewropea tal-Metroloġija u assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Ġermaniża, ġiet stabbilita biex isservi bħala din l-istruttura. Il-EURAMET għandha wkoll kompiti u obbligi relatati mal-armonizzazzjoni Ewropea u globali usa' tal-metroloġija. Is-sħubija tal-EURAMET hi miftuħa għall-NMIs Ewropej kollha, bħala membri, u għad-DIs, bħala assoċjati. Is-sħubija fil-EURAMET ma tiddependix fuq l-eżistenza ta' programmi nazzjonali tar-riċerka fil-metroloġija. Billi, skont ir-Rapport dwar l-Evalwazzjoni Interim tal-EMPIR, instab li l-istruttura tal-governanza tal-EURAMET kienet effiċjenti u ta' kwalità għolja għall-implimentazzjoni tal-EMRP, u tal-EMPIR, il-EURAMET jenħtieġ li tintuża wkoll għall-implimentazzjoni tas-Sħubija dwar il-Metroloġija. Għalhekk, il-EURAMET jenħtieġ li timmaniġġa l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.
- (15) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Isħubija dwar il-Metroloġija, il-EURAMET jenħtieġ li tagħti appoġġ finanzjarju, l-aktar fil-forma ta' għotjiet lill-parteċipanti f'azzjonijiet li jintgħażlu fil-livell tal-EURAMET. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jintgħażlu wara sejħiet għall-proposti fir-responsabbiltà tal-EURAMET. Il-lista ta' klassifikazzjoni jenħtieġ li tkun vinkolanti għall-għażla tal-proposti u għall-allokazzjoni tal-finanzjament mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Parteċipanti għall-proġetti ta' riċerka u l-attivitajiet relatati. Għall-attivitajiet iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għan-

networks Ewropej tal-metroloġija, l-azzjonijiet iffinanzjati jenħtieġ li jkunu wkoll taħt ir-responsabbiltà tal-EURAMET.

- (16) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mis-Sħubija dwar il-Metroloġija hija soġġetta għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru XXX¹⁴ [RfP Orizzont Ewropa]. Madankollu, minħabba ħtiġijiet operazzjonali speċifiċi tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, b'mod partikolari biex jinbnew u jiġu ġestiti Networks Ewropej tal-Metroloġija futuri u biex tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni finanzjarja adegwata tal-Istati Parteċipanti, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi prevista limitazzjoni tar-rwol tal-koordinatur fi proposta għall-NMIs u d-DIs tal-Istati Parteċipanti, fejn meħtieġ.
- (17) Jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti jiġu żgurati permezz ta' finanzjament istituzzjonali mill-NMIs u mid-DIs. Il-varjetà wiesgħa ta' attivitajiet sottostanti jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-oġettivi tas-Sħubija dwar il-Metroloġija u tiġi stabbilita fil-pjanijiet ta' ħidma annwali, b'rabtiet mal-kostijiet operatorji u man-nefqa. Fost l-oħrajn, il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jkopru l-kostijiet tas-servizzi li jwasslu direttament kalibrazzjonijiet u servizzi oħra traċċabbli għas-Sistema Internazzjonali tal-Unitajiet. Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti jenħtieġ li jinkludu wkoll kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet amministrattivi tas-Sħubija dwar il-Metroloġija.
- (18) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċessibbiltà għall-programm, is-sejħiet għal proposti mis-Sħubija dwar il-Metroloġija jenħtieġ li jiġu ppubblikati wkoll fuq il-portal uniku għall-parteċipanti kif ukoll permezz ta' mezzi elettroniċi oħra ta' disseminazzjoni ta' Orizzont Ewropa ġestiti mill-Kummissjoni.
- (19) Il-funzjonament tal-mudell ta' finanzjament fir-rigward tal-prinċipju ta' tqabbil bejn il-fondi tal-Unjoni u dawk mhux tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi vvalutat mill-ġdid meta tkun qed issir l-evalwazzjoni interim tas-Sħubija dwar il-Metroloġija sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju tat-tqabbil għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Parteċipanti jkun qed jiġi rrispettat.
- (20) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, fosthom il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn ikun xieraq, il-penali amministrattivi u finanzjarji.
- (21) Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha d-dritt li tnaqqas, tissospendi jew tittermina l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jekk is-Sħubija dwar il-Metroloġija tiġi implimentata b'mod inadegwat, parzjalment jew tard, jew jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwux għall-finanzjament tas-Sħubija dwar il-Metroloġija jew jikkontribwixxu għaliha parzjalment jew tard. Dawk id-drittijiet jenħtieġ li jiġu previsti fil-ftehim dwar il-kontribuzzjoni li għandu jiġi konkluż bejn l-Unjoni u il-EURAMET.
- (22) Għall-fini ta' simplifikazzjoni, il-piżijiet amministrattivi jenħtieġ li jitnaqqsu għall-partijiet kollha. Awditi doppji u dokumentazzjoni u rappurtar sproporzjonati jenħtieġ li jiġu evitati. Meta jsiru l-awditi, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tal-

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) XXX ta' ... (ĠU ...).

programmi nazzjonali, kif xieraq. Awditi ta' riċevituri ta' fondi tal-Unjoni pprovduti skont din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiżguraw tnaqqis fil-piż amministrattiv, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

- (23) Fuq talba mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Qorti tal-Awdituri, il-EURAMET u l-Istati Parteċipanti jenħtieġ li jissottomettu kwalunkwe informazzjoni li l-Kummissjoni jeħtieġ li tinkludi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni tas-Sħubija dwar il-Metroloġija.
- (24) Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni interim mhux aktar tard mill-2025, li tivvaluta b'mod partikolari l-kwalità u l-effiċjenza tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, il-progress li sar lejn il-kisba tal-oġġettivi stabbiliti u evalwazzjoni finali mhux aktar tard mill-2030 u jenħtieġ li tħejji rapport dwar dawk l-evalwazzjonijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Parteċipazzjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija ("is-Sħubija dwar il-Metroloġija"), sħubija istituzzjonalizzata kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) [...] [Orizzont Ewropa], imwettqa b'mod konġunt mill-Awstrija, il-Belġju, [il-Bożnija-Herzegovina], il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, [in-Norveġja], Spanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, [is-Serbja], is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Iżvezja [l-Iżvizzera u t-Turkija] (l-"Istati Parteċipanti"), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
2. Kwalunkwe Stat Membru ieħor għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1 u kwalunkwe pajjiż ieħor assoċjat mal-Orizzont Ewropa jista' jipparteċipa fis-Sħubija dwar il-Metroloġija diment li jissodisfa l-kondizzjoni stipulata fl-Artikolu 4(1), il-punt (c). Dan għandu jitqies bħala Stat Parteċipant għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.
3. Kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat ma' Orizzont Ewropa jista' jipparteċipa fis-Sħubija dwar il-Metroloġija, diment li jikkonkludi ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tiegħu fis-Sħubija dwar il-Metroloġija u diment li jikseb l-approvazzjoni mill-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija msemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (f). Jekk jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet, għandu jitqies bħala Stat Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Oġġettivi tas-Sħubija dwar il-Metroloġija

1. Is-Sħubija dwar il-Metroloġija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) ... [XXX][Orizzont Ewropa] u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, is-Sħubija dwar il-Metroloġija għandha, permezz tal-involvement u l-impenn tas-sħab fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta'

programm ta' attivitajiet ta' rċerka u innovazzjoni, issegwi l-oġġettivi ġenerali li ġejjin:

- (a) li tiżviluppa sistema tal-metroloġija kkoordinata sostenibbli fil-livell Ewropew;
 - (b) li tiżgura li l-kapaċitajiet tal-metroloġija l-aktar avvanzati jiġu adottati direttament mill-innovaturi fl-ekosistemi tagħhom;
 - (c) li żżid l-impatt tal-metroloġija fuq l-isfidi tas-soċjetà b'rabta mal-implimentazzjoni tal-politiki, l-istandards u r-regolamenti biex tagħmilhom adattati għall-iskop tagħhom.
3. Meta timplimenta l-oġġettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 2, is-Sħubija dwar il-Metroloġija għandha ssegwi l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:
- (a) li sal-2030 tiżviluppa kapaċitajiet ta' rċerka ġodda mibnija fil-qafas ta' Networks Ewropej tal-Metroloġija ġodda u li f'termini ta' kapaċitajiet ta' kalibrizzazzjoni u kejl twettaq mill-anqas daqs l-istituti tal-metroloġija ewlenin barra mill-Istati Parteciċipanti;
 - (b) li, sal-2030, tappoġġa l-bejgħ ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda permezz tal-użu u l-adozzjoni tal-kapaċitajiet ġodda tal-metroloġija f'teknoloġiji emerġenti ewlenin;
 - (c) li, sal-2030 tikkontribwixxi b'mod sħiħ u effettiv għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' standards u regolamenti speċifiċi li jirfdu l-politiki pubbliċi li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-Sħubija dwar il-Metroloġija

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-Sħubija dwar il-Metroloġija, inkluż l-appropriazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u l-appropriazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, ma għandhiex taqbeż il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteciċipanti għas-Sħubija dwar il-Metroloġija. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun sa EUR 300 miljun biex taqbel mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteciċipanti speċifikati fl-Artikolu 1(1).
2. Għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, kwalunkwe kontribuzzjoni mill-Istati Parteciċipanti għal kostijiet amministrattivi li jaqbuż l-5 % tal-kontribuzzjonijiet totali kkombinati għas-Sħubija dwar il-Metroloġija ma għandhiex titqies.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokatu għall-partijiet rilevanti tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni [XXX]¹⁵ tal-Parlament

¹⁵ Ir-Regolament [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (ĠU C [...], [...], p. [...]). [Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza sħiħa].

Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tintuża mill-EURAMET e.V. (“EURAMET”) biex tiffinanzja l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a).
5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex tintuża biex tkopri l-kostijiet amministrattivi tas-Sħubija dwar il-Metroloġija.

Artikolu 4

Il-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tingħata bil-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-Istati Parteċipanti juru li s-Sħubija dwar il-Metroloġija hija stabbilita skont din id-Deċiżjoni;
 - (b) id-deżinjazzjoni mill-Istati Parteċipanti, jew mill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-metroloġija (NMIs) ddeżinjati mill-Istati Parteċipanti, tal-EURAMENT bħala l-istruttura responsabbli għall-implimentazzjoni tas-Sħubija dwar il-Metroloġija u sabiex tiġi rċevuta, allokata u ssorveljata l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;
 - (c) l-impenn ta' kull Stat Parteċipanti biex jikkontribwixxi għall-finanzjament tas-Sħubija dwar il-Metroloġija u biex jistabbilixxi kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' 50 % tal-ammont tal-impenn;
 - (d) il-EURAMET turi l-kapaċità tagħha biex timplimenta s-Sħubija dwar il-Metroloġija, inkluż li tirċievi, talloka u tissorvelja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 62 u 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;
 - (e) l-istabbiliment ta' mudell ta' governanza għas-Sħubija dwar il-Metroloġija skont l-Artikoli 13 sa 16 ta' din id-Deċiżjoni.
2. Matul l-implimentazzjoni tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha wkoll tingħata bil-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-implimentazzjoni mill-EURAMET tal-attivitajiet tas-Sħubija dwar il-Metroloġija stabbiliti fl-Artikolu 6 f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2;
 - (b) iż-żamma ta' mudell ta' governanza xieraq u effiċjenti f'konformità mal-Artikoli 13 sa 16;
 - (c) il-konformità mill-EURAMET mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;
 - (d) it-tweqqif tal-impENji msemmiya fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għas-Sħubija dwar il-Metroloġija

1. L-Istati Parteċipanti speċifikati fl-Artikolu 1(1) għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet jew għandhom jagħmlu arranġamenti biex il-korpi ta' finanzjament nazzjonali

tagħhom jagħmlu kontribuzzjonijiet, kemm finanzjarji kif ukoll *in natura*, ta' mill-anqas EUR 363 miljun matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2031. Sehem mill-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti għandu jkun fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji.

2. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għandhom jikkonsistu minn dawn li ġejjin:
 - (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1); u
 - (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* biex ikopru l-kostijiet amministrattivi kollha tal-EURAMET.
3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), għandhom ikopru l-kostijiet imġarrba mill-Istati Parteċipanti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (b), wara li titnaqqas kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta tal-Unjoni għal dawk il-kostijiet.
4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom ikopru l-kostijiet imġarrba mill-Istati Parteċipanti fir-rigward tal-kostijiet amministrattivi tal-EURAMET għall-implimentazzjoni tas-Sħubija.
5. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura* msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), il-kostijiet għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-prattiki kontabilistiċi normali tal-Istati Parteċipanti jew tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati, l-istandards kontabilistiċi applikabbli tal-Istat Parteċipanti fejn hemm stabbiliti l-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati u l-Istandards Kontabilistiċi Internazzjonali u l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju applikabbli. Il-kostijiet għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti maħtur mill-Istati Parteċipanti jew mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati. Jekk ikun hemm xi inċertezza li tirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, il-metodu ta' valwazzjoni jista' jiġi vverifikat minn EURAMET. Fil-każ li jifdal xi inċertezzi, il-metodu ta' valwazzjoni jista' jiġi awditjat minn EURAMET.
6. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti, għandhom isiru wara l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali. Jekk il-programm ta' ħidma annwali jiġi adottat matul is-sena ta' referenza msemmija fl-Artikolu 6(3), il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti inklużi fil-programm ta' ħidma annwali, jistgħu jinkludu l-kontribuzzjonijiet li jkunu saru mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena. B'mod eċċezzjonali, il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), li jsiru wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni dwar is-Sħubija dwar il-Metroloġija jistgħu jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti diment li jkunu inklużi fl-ewwel programm ta' ħidma annwali tas-Sħubija dwar il-Metroloġija.

Artikolu 6

Attivitajiet tal-EURAMET

1. Is-Sħubija dwar il-Metroloġija għandha tappoġġa firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz ta':
 - (a) azzjonijiet indiretti skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt 25 tar-Regolament (UE) [XXX] [ir-Regolament Orizzont Ewropa] u li skont l-Artikolu 7 ta' din

id-Deċiżjoni huma ffinanzjati mill-EURAMET prinċipalment fil-forma ta' għotjiet wara sejħiet għal proposti transnazzjonali miftuħa u kompetittivi organizzati mill-EURAMET, u li jinkludu:

- (i) azzjonijiet xjentifiċi-tekniki li jappoġġaw metroloġija xjentifika fundamentali li jħejju l-bażi għall-passi suċċessivi kollha inklużi r-riċerka u l-iżvilupp fil-metroloġija applikata u servizzi relatati mal-metroloġija;
 - (ii) riċerka dwar il-metroloġija biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà li jiffukaw fuq il-kontribuzzjonijiet għall-enerġija, is-saħħa u l-klima u biex jiġu żviluppati proġetti f'networks Ewropej tal-metroloġija speċifiċi li jindirizzaw dawn l-isfidi;
 - (iii) riċerka ħalli tinholq strumentazzjoni tal-kejl ġdida bil-għan li l-industrija tuża t-teknoloġiji metroloġiċi li jstimulaw l-innovazzjoni fl-industrija;
 - (iv) riċerka u żvilupp prenormattivi u konormattivi dwar il-metroloġija b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika, ir-regolamenti u l-aċċellerazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni aktar mgħaġġla tal-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti u servizzi innovattivi;
- (b) attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3 li jikkonsistu f'attivitajiet ta' bini ta' kapaċità fil-metroloġija fuq livelli teknoloġiċi differenti li l-għan tagħhom huwa li tinkiseb sistema ta' metroloġija bbilanċjata u integrata fl-Istati Parteċipanti li tippermettilhom jiżviluppaw il-kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi tagħhom fil-metroloġija, u li jinkludu attivitajiet mhux magħżula mis-sejħiet għal proposti deskritti fil-punt (a), u deskritti fil-programmi ta' ħidma annwali, inkluż kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (i) attivitajiet taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti bħal proġetti transnazzjonali li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet stabbiliti f'network Ewropew tal-metroloġija u l-komitati tekniċi tal-EURAMET.
 - (ii) azzjonijiet għat-tixrid u għall-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka dwar il-metroloġija;
 - (iii) azzjonijiet li jindirizzaw speċifikament l-istituti tal-metroloġija li ma għandhomx kapaċitajiet xjentifiċi jew li għandhom kapaċitajiet limitati, billi jgħinuhom jużaw programmi oħra reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni għat-taħriġ u l-mobbiltà, il-kooperazzjoni transfruntiera jew l-investiment f'infrastruttura tal-metroloġija;
 - (iv) l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' tixrid estern u trasferiment ta' għarfien sabiex tiġi promossa s-Sħubija dwar il-Metroloġija u jiġi mmassimizzat l-impatt tagħha.

2. Qabel ma tidentifika s-suġġetti ta' kull sejħa għal proposti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-EURAMET għandha tistieden lil individwi jew lil organizzazzjonijiet mill-komunità tar-riċerka dwar il-metroloġija u l-katina tal-valur ġenerali tal-metroloġija biex jissuġġerixxu suġġetti potenzjali ta' riċerka.

Programm ta' ħidma annwali

1. Is-Sħubija dwar il-Metroloġija għandha tiġi implimentata abbażi ta' programmi ta' ħidma annwali li jkopru attivitajiet li għandhom jitwettqu għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' sena partikolari ("sena ta' referenza").
2. Il-EURAMET għandha tadotta l-programmi ta' ħidma annwali sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' referenza, wara li tikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni. Fl-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali, kemm EURAMET kif ukoll il-Kummissjoni għandhom jaġixxu mingħajr dewmien żejjed. Il-EURAMET għandha tqiegħed il-pjan ta' ħidma annwali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
3. L-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1), il-punti (a) u (b), jistgħu jiġu mnedija biss fis-sena ta' referenza u biss wara l-adozzjoni tal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena.
4. L-attivitajiet jistgħu jiġu ffinanzjati biss mill-EURAMET jekk dawn ikunu stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jiddistingwi bejn l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a), l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (b), u l-kostijiet amministrattivi tal-EURAMET. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jinkludi l-istimi tan-nefqa korrispondenti tagħhom u l-baġit li jkun qiegħed jiġi allokat għal attivitajiet iffinanzjati bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3 u għal attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr tali kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jinkludi wkoll il-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Istati Parteċipanti, imsemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (b).
5. Il-programmi ta' ħidma annwali emendati għal sena ta' referenza u l-programmi ta' ħidma annwali għas-snin ta' referenza sussegwenti għandhom iqisu r-riżultati ta' sejħiet għal proposti preċedenti. Huma għandhom jagħmlu hilitom biex jindirizzaw il-kopertura insuffiċjenti ta' suġġetti xjentifiċi b'mod partikolari dawk indirizzati inizjalment fl-attivitajiet skont l-Artikolu 6(1), il-punt (b), li ma setgħux jiġu ffinanzjati b'mod adegwat.
6. Is-sejħiet għal proposti taħt il-programmi ta' ħidma annwali rilevanti, għandhom jiġu mnedija sal-31 ta' Diċembru 2027. F'każijiet debitament iġġustifikati, dawn jistgħu jiġu mnedija sal-31 ta' Diċembru 2028.
7. EURAMET għandha twettaq monitoraġġ u tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha inklużi fil-programm ta' ħidma annwali.
8. Kwalunkwe komunikazzjoni jew pubblikazzjoni relatata mal-attivitajiet tas-Sħubija dwar il-Metroloġija u mwettqa f'kooperazzjoni mas-Sħubija dwar il-Metroloġija, kemm jekk imwettqa minn EURAMET, minn Stat Parteċipanti jew mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali tiegħu, jew parteċipanti f'attività, għandhom jiġu ttikkettati jew kotikkettati bħala kofinanzjati mis-Sħubija dwar il-Metroloġija taħt Orizzont Ewropa.

Artikolu 8

Regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid

1. Il-EURAMET għandha titqies bħala korp ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt 13 tar-Regolament [(UE) [XXX] [ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa] u għandha ttiprovdi appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet indiretti msemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a), ta' din id-Deċiżjoni skont l-Artikoli 6(2), tar-Regolament (UE) [XXX].
2. Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament HE, f'każijiet debitament iġġustifikati, il-programm ta' ħidma annwali jista' jipprovdi għal limitazzjoni tar-rwol tal-koordinatur f'azzjonijiet indiretti għall-NMIs u għad-DIs tal-Istati Parteċipanti sabiex jiġi żgurat li l-oġettivi u l-miri ta' kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti jintlaħqu.
3. Il-EURAMET għandha tiżgura interazzjonijiet xierqa mal-NMIs u mad-DIs fl-azzjonijiet indiretti msemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a), skont id-deżinjazzjoni mill-awtorità nazzjonali xierqa. Il-EURAMET għandha thegħgeġ u tappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni ta' entitajiet oħra fis-sejthiet kollha.

Artikolu 9

Ftehimiet bejn l-Unjoni u l-EURAMET

Sakemm jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, il-EURAMET għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 62(3) u l-Artikolu 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Artikolu 10

Terminazzjoni, tnaqqis jew sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Jekk is-Sħubija tal-Metroloġija tonqos milli tissodisfa l-kundizzjonijiet li taħthom tiġi fdata l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' ttemm, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3.
2. Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwux għall-finanzjament tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, jikkontribwixxu biss parzjalment jew ma jirrispettawx il-perjodi ta' żmien għall-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tfixxkel ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli diġà mġarrba mill-Istati Parteċipanti qabel ma d-deċiżjoni li tittermina, tnaqqas b'mod proporzjonali jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi nnotifikata lis-Sħubija dwar il-Metroloġija.

Artikolu 11

Awditi ex-post

1. L-awditi *ex-post* tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti msemija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a), għandhom jitwettqu minn EURAMET skont l-Artikolu 48 tar-Regolament ...[Orizzont Ewropa](UE) [XXX] [].
2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twestaq l-awditi msemija fil-paragrafu 1 hi stess. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tagħmel dan skont ir-regoli applikabbli, b'mod partikolari l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) [XXX] [Orizzont Ewropa] u l-Artikolu 127 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Artikolu 12

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa li jiżguraw li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, fejn xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissuażivi.
2. Waqt l-implimentazzjoni tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħra meħtieġa biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammont dovut lill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
3. Il-EURAMET għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u lil persuni oħrajn awtorizzati minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u għall-postijiet tagħha u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa biex iwettqu l-awditi tagħhom.
4. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96¹⁷ bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività

¹⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim, deċiżjoni jew kuntratt iffinanzjat taħt din id-Deċiżjoni.

5. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939¹⁸, bil-għan li jinvestiga reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.
6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3, 4 u 5, il-ftehimiet, il-kuntratti u d-deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-EURAMET, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-UPPE u lill-OLAF, biex iwettqu tali awditi, verifiki fuq il-post u investigazzjonijiet f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Artikolu 13

Governanza tas-Sħubija dwar il-Metroloġija

1. Il-korpi li jirregolaw is-Sħubija dwar il-Metroloġija għandhom jinkludu mill-anqas dan li ġej:
 - (a) il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija;
 - (b) il-Grupp ta' Tmexxija.
 - (c) is-Segretarjat tal-EURAMET.

Artikolu 14

Il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija

1. Il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandu jimmaniġġa s-Sħubija dwar il-Metroloġija sabiex jiżgura li s-Sħubija dwar il-Metroloġija kif imwettqa tissodisfa l-oġettivi tagħha.
2. Il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' membri tal-EURAMET mill-Istati Parteċipanti kollha. L-ippeżar tal-voti għandu jiġi kkalkulat mill-impenji nazzjonali skont l-għerq kwadrat tal-impenn.
3. Il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandu, b'mod partikolari:
 - (a) jieħu deċiżjonijiet dwar l-aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni;
 - (b) jieħu deċiżjonijiet dwar l-ippjanar ta' sejħiet għal proposti u l-proċedura ta' reviżjoni tal-evalwazzjoni;

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

- (c) jadotta l-programm ta' ħidma annwali wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Grupp ta' Tmexxija msemmi fl-Artikolu 15;
 - (d) jieħu deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-listi ta' klassifikazzjoni wara l-evalwazzjonijiet tas-sejħa ta' proposti msemmija fl-Artikolu 6(1) il-punt (a);
 - (e) jimmonitorja l-progress tal-proġetti ffinanzjati;
 - (f) japprova l-parteċipazzjoni fis-Sħubija dwar il-Metroloġija ta' kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat ma' Orizzont Ewropa, dment li dak il-pajjiż terz ikun ikkonkluda ftehim internazzjonali mal-Unjoni, imsemmi fl-Artikolu 1(3).
4. Il-Kummissjoni għandu jkollha status ta' osservatur fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija. Madankollu, l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali mill-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandha teħtieġ il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni. Il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandu jistieden lill-Kummissjoni għal-laqgħat tiegħu u għandu jibgħat lill-Kummissjoni d-dokumenti rilevanti kollha. Il-Kummissjoni tista' tiegħu sehem fid-diskussjonijiet tal-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija.
5. Il-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandu jaħtar il-President tiegħu u d-Deputat tiegħu skont il-piżijiet tal-vot spjegati fil-paragrafu 2. Il-President tal-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija għandu jirrappreżenta lill-EURAMET fi kwistjonijiet relatati mas-Sħubija dwar il-Metroloġija.

Artikolu 15

Il-Grupp ta' Tmexxija

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Grupp ta' Tmexxija. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jkun korp konsultattiv tas-Sħubija dwar il-Metroloġija u għandu jagħti pariri lis-Sħubija dwar il-Metroloġija dwar il-prijoritajiet emerġenti għar-riċerka dwar il-metroloġija fil-livell Ewropew. Għandu b'mod partikolari:
- (a) jidentifika teknoloġiji u swieq emerġenti fejn ir-riċerka dwar il-metroloġija tista' ssir rilevanti fil-futur;
 - (b) jidentifika oqsma ta' riċerka li jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku, inkluż għar-regolamenti u l-istandards rilevanti;
 - (c) jagħti pariri lis-Sħubija dwar il-Metroloġija dwar il-prijoritajiet għall-programmi ta' ħidma futuri tagħhom.
2. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn massimu ta' 12-il membru:
- (a) erba' rappreżentanti minn dawk li jistabbilixxu l-istandards Ewropej u regolaturi maħtura mill-EURAMET;
 - (b) ħames rappreżentanti minn sħubijiet Ewropej differenti stabbiliti skont ir-Regolament [(UE) [XXX][Orizzont Ewropa] ma' sħab privati li jirrappreżentaw l-industrija. Il-Kummissjoni għandha taħtar ir-rappreżentanti b'mod miftuħ u trasparenti;
 - (c) Il-President tal-EURAMET;

- (d) Rappreżentant wieħed maħtur mill-Kummissjoni, u rappreżentant wieħed ta' ministeru nazzjonali li mhuwiex membru tal-persunal ta' istitut nazzjonali tal-metroloġija rrappreżentat fl-EURAMET. Ir-rappreżentant tal-ministeru jenħtieġ li jinħatar mill-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija.
3. Mill-anqas 50 % tal-membri msemija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), għandhom jinbidlu mhux aktar tard mill-evalwazzjoni interim imsemija fl-Artikolu 18(1).
4. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jkun presedut b'mod konġunt mir-rappreżentanti msemija fil-paragrafu 2, il-punt (d).

Artikolu 16

Is-Segretarjat tal-EURAMET

1. Is-Segretarjat tal-EURAMET, li jipprovdi appoġġ amministrattiv ġenerali għall-EURAMET, għandu jżomm il-kontijiet bankarji għas-Sħubija dwar il-Metroloġija.
2. L-unità ta' appoġġ tal-Maniġment għandha tiġi stabbilita bħala parti mis-Segretarjat tal-EURAMET u għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-ġestjoni ta' kuljum tas-Sħubija dwar il-Metroloġija.

Artikolu 17

Komunikazzjoni ta' informazzjoni

1. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-EURAMET għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapporti msemija fl-Artikolu 18.
2. L-Istati Parteċipanti għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, permezz tal-EURAMET, kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Sħubija dwar il-Metroloġija.
3. Fl-evalwazzjonijiet imsemija fl-Artikolu 18, il-Kummissjoni għandha tinkludi l-informazzjoni msemija fil-paragrafu 2.

Artikolu 18

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim u evalwazzjoni finali tas-Sħubija dwar il-Metroloġija fil-qafas tal-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, kif speċifikat fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) [Orizzont Ewropa].
2. L-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw kif is-Sħubija dwar il-Metroloġija tissodisfa l-missjoni u l-oġettivi tagħha, tkopri l-attivitajiet kollha tagħha u tevalwa l-valur miżjud Ewropew, l-effettività, l-effiċjenza, inkluż il-ftuħ u t-trasparenza tagħha, ir-rilevanza tal-attivitajiet segwiti u l-koerenza u/jew il-komplementarjetà tagħhom mal-politiki reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inklużi sinerġiji ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa (bħal missjonijiet, raggruppamenti jew programmi tematiċi/speċifiċi). L-evalwazzjonijiet għandhom iqisu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali u għandhom,

fejn rilevanti, jinkludu wkoll valutazzjoni tal-impatti xjentifiċi, tas-soċjetà, ekonomiċi, teknoloġiċi fit-tul tal-inizjattivi preċedenti. Dawn għandhom jinkludu, fejn rilevanti, valutazzjoni tal-aktar mod effettiv ta' intervent ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura, kif ukoll ir-rilevanza u l-koerenza ta' kwalunkwe tiġdid possibbli tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, minħabba l-prijoritajiet ta' politika ġenerali u l-pajsaġġ ta' appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż il-pożizzjonament kontra inizjattivi oħra appoġġati permezz tal-programm qafas Orizzont Ewropa.

Artikolu 19

Aċċess għar-riżultati u informazzjoni dwar il-proposti

1. Il-EURAMET għandha ttipprovdi lill-Kummissjoni aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-azzjonijiet indiretti li tiffinanzja. Tali informazzjoni għandha tinkludi r-riżultati tal-benefiċjarji li jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti tas-Sħubija dwar il-Metroloġija jew kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki jew tal-programmi tal-Unjoni. Tali drittijiet ta' aċċess huma limitati għal użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv u għandhom jikkonformaw mar-regoli ta' kunfidenzjalità applikabbli.
2. Għall-finijiet tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki jew tal-programmi tal-Unjoni, il-EURAMET għandha ttipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni inkluża fil-proposti sottomessi.

Artikolu 20

Il-Kunfidenzjalità

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17, il-EURAMET għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħha lil hinn mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi tal-membri tagħha jew tal-partiċipanti fl-attivitajiet tas-Sħubija dwar il-Metroloġija. Tali informazzjoni kunfidenzjali tinkludi iżda mhijiex limitata għal informazzjoni personali, kummerċjali, sensittiva mhux klassifikata u klassifikata.

Artikolu 21

Kunflitt ta' interess

1. Il-EURAMET, il-korpi u l-persunal tagħha, u l-korpi tas-Sħubija dwar il-Metroloġija, għandhom jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.
2. Il-EURAMET għandha tadotta regoli għall-prevenzjoni, l-evitar u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess fir-rigward tal-persunal tal-EURAMET, il-membri u persuni oħra li jservu fil-Kumitat ta' Sħubija dwar il-Metroloġija u fil-korpi jew fil-gruppi l-oħra tal-EURAMET u s-Sħubija dwar il-Metroloġija, skont l-Artikolu 154(4), il-punt (d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 23

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija mwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Attività: Orizzont Ewropa

Raggruppament 4: Diġitali, industrijali u spazjali

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda:

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁹

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn oħra/azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil, inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-oġġettivi ewlenin tal-inizjattiva jistgħu jinqasmu f'oġġettiv xjentifiku, ekonomiku u tas-soċjetà. L-oġġettiv xjentifiku huwa li tiġi żviluppata sistema ta' metroloġija ta' klassi dinjija kkoordinata u sostenibbli fuq livell Ewropew. L-oġġettiv ekonomiku huwa li jiġi żgurat li l-kapaċitajiet tal-metroloġija l-aktar avvanzati jiġu adottati direttament mill-innovaturi fl-ekosistemi tagħhom. L-oġġettiv tas-soċjetà huwa li jiżdied l-impatt tal-metroloġija fuq l-isfidi tas-soċjetà b'rabta mal-implimentazzjoni tal-politiki, l-istandards u r-regolamenti biex ikunu adattati għall-iskop tagħhom.

L-inizjattiva hija mistennija tibda topera fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2021 (skont id-data tal-adozzjoni tal-att bażiku tagħha mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew).

L-attività ewlenija tal-inizjattiva hija l-appoġġ ta' azzjonijiet ta' riċerka kollaborattiva bejn l-istituti tal-metroloġija u l-partijiet ikkonċernati esterni tal-metroloġija. Se jkun hemm fażi inizjali ta' aġġornament fis-snin tas-sejħa 2021 u 2022, sabiex jintlaħaq baġit ta' sejħa stabbli għal bejn l-2023 u l-2026. Għall-aħħar sena tas-sejħa fl-2027, huwa stmat li se jitnaqqas il-baġit tas-sejħa biex jippermetti eliminazzjoni gradwali. Fl-istess ħin, il-finanzjament nazzjonali qed jipprovdi l-fondi biex jinħolqu Networks Ewropej tal-Metroloġija f'oqsma teknoloġiċi u tas-soċjetà strateġiċi. L-ewwel Networks ilhom li bdew jinbnew mill-bidu tal-inizjattiva bil-potenzjal li jitnedew networks ġodda kull sena ta' implimentazzjoni.

¹⁹

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Sal-2030, l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi kollha se jintlaħqu u se jkunu soġġetti għal evalwazzjoni *ex-post*.

- 1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività jew kumplimentarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex-ante*):

Il-problemi indirizzati mill-inizjattiva huma ta' natura u ta' daqs li azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE tkun aktar xierqa milli Stati Membri individwali li jiżviluppaw l-inizjattivi tagħhom stess. Dan jippermetti sforzi aktar koerenti u kkoordinati, u jevita d-duplikazzjoni.

Ir-raġuni ewlenija għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-inizjattiva hija l-opportunità li jiġu ffinanzjati azzjonijiet ta' riċerka transnazzjonali li jimmiraw direttament prijoritajiet strateġiċi konġunti għall-metroloġija. Inizjattiva tal-Artikolu 185 tagħti wkoll iċ-ċertezza legali u fit-tul tal-finanzjament istituzzjonali b'impenji kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-finanzjament istituzzjonali disponibbli fil-livell nazzjonali.

Valur miżjud li mistennija tiġġenera l-Unjoni (*ex-post*):

L-involviment tal-UE jippermetti l-ħolqien ta' ekonomiji fuq skala kbira u għall-konsolidazzjoni tal-kapaċità ta' riċerka dwar il-metroloġija. L-involviment tal-UE se jiżgura wkoll ingranaġġ tar-riżorsi nazzjonali biex tinholq kapaċità Ewropea tal-metroloġija adatta għall-isfidi komuni tas-soċjetà u t-tranżizzjonijiet teknoloġiċi f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq Uniku.

Dawn il-kwistjonijiet huma indirizzati aktar fid-dokument tal-Valutazzjoni tal-Impatt meħmuż ma' din il-proposta.

- 1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Bil-kisba ta' livell sinifikanti ta' integrazzjoni tal-isforzi nazzjonali tal-metroloġija, l-azzjoni tal-UE taħt is-Seba' Programm Kwadru u Orizzont 2020 ippermettiet lill-Ewropa tistabbilixxi tmexxija globali f'haġna oqsma tal-metroloġija. Hekk kif ir-riċerka dwar il-metroloġija tikber fl-importanza bħala faċilitatur tat-teknoloġiji emerġenti, reġjuni globali oħra qed iżidu b'mod sinifikanti l-investimenti tagħhom fil-metroloġija u jimmiraw għalihom b'mod strateġiku. Għalhekk, f'dan l-istadju hija meħtieġa azzjoni tal-UE biex jinżamm il-momentum tal-integrazzjoni sabiex din issir integrata tul il-katina tal-valur tal-metroloġija u b'hekk iżżid l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-metroloġija inklużi r-regolaturi u daww li jistabbilixxu l-istandards, l-utenti finali tal-industrija u tas-soċjetà, kif ukoll iċ-ċittadini. Dan huwa essenzjali biex tinkiseb is-sostenibbiltà fit-tul tar-riċerka integrata dwar il-metroloġija fl-Ewropa.

Huwa kritiku li tali azzjoni tal-UE tinżamm issa sabiex tinkiseb is-sostenibbiltà. Inkella, kif tindika l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-2017, l-isforzi tal-metroloġija fl-Ewropa jirriskjaw li jergġhu jsiru frammentati, billi jiffixkel il-bini tal-kapaċità f'Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMIs) iżgħar filwaqt li NMIs akbar

jikkonkludu arranġamenti bilaterali mal-kontropartijiet tagħhom f'reġjuni oħra tad-dinja, u b'hekk tiddgħajjef is-sovranità teknoloġika tal-Ewropa.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Skont ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-Sħubijiet Ewropej kollha jeħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni u/jew attivitajiet konġunti ma' inizjattivi rilevanti oħra ta' riċerka u innovazzjoni biex jiġi żgurat l-aħjar livell ta' interkonnessjonijiet u jiġu żgurati sinerġiji effettivi.

Jenħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji b'saħħithom mas-sħubijiet Ewropej l-oħrajn li huma relatati mill-qrib ma' applikazzjonijiet intensivi fil-kejl. Barra minn hekk, l-istrument tal-Artikolu 185 jippermetti integrazzjoni mingħajr xkiel tal-programmi ta' finanzjament nazzjonali li huma allinjati mal-prijoritajiet nazzjonali għall-metroloġija.

Dan se jkun allinjat b'mod partikolari ma' strumenti oħra taħt il-prijoritajiet Ewropej "Ewropa Lesta għall-Era Diġitali", "Ekonomija għas-servizz tan-nies", u "Patt Ekoloġiku Ewropew", u se jkun jista' jaħdem mal-programmi u mal-azzjonijiet kollha taħt il-programm qafas propost Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ir-raggruppamenti kollha taħt il-Pilastru 2 "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali".

Il-monitoraġġ tas-sinerġiji u l-kollaborazzjoni se jsir permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☒ **durata limitata**

- ☒ fis-seħħ minn [01/01]2021 sal-[31/12]2031
- ☒ L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2022 sal-2032 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)²⁰

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☒ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-EURAMET hija assoċjazzjoni (Eingetragener Verein, e.V.) skont il-liġi Ġermaniża, u hija fdata mill-Istati Membri u minn pajjiżi Ewropej oħra biex tirrappreżentahom bħala l-

²⁰

Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

Organizzazzjoni Reġjonali tal-Metroloġija għall-Ewropa. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-inizjattiva se tiġi pprovduta permezz ta' din l-organizzazzjoni.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

F'konformità mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, is-sħubija għandha tadotta sistema ta' monitoraġġ li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45, l-Anness III u l-Anness V tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, u tikkontribwixxi għall-istess bażi ta' *data* uniku bħall-komponenti l-oħra ta' Orizzont Ewropa. Is-sistema ta' rappurtar u monitoraġġ għandha tipprovdi *data* ewlenija dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni (inkluż *microdata* fil-livell ta' entitajiet individwali), tippermetti li jiġi ntraċċat il-progress skont il-Perkorsi tal-Impatt Ewlenin (inkluż il-progress biex jitwettqu l-prijoritajiet tal-UE), u l-kriterji ta' sħubija. Is-sħubija għandha tirrapporta dwar indikaturi speċifiċi (li mhumiex koperti mill-Perkorsi ta' Impatt Ewlenin) li jippermettu li jiġi traċċat il-progress li jkun sar fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil lejn it-twettiq tal-viżjoni u l-oġettivi speċifiċi u operazzjonali tas-sħubija kif stabbilit fir-Regolament li jistabbilixxi s-Sħubija, inkluż dwar il-miri stabbiliti sal-2030. L-indikaturi, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġiji għandhom jippermettu valutazzjoni matul iż-żmien tal-kisbiet, il-progress lejn l-impatti, inkluż it-twettiq tal-oġettivi tal-politika tal-UE, u l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet potenzjali għal miżuri korrettivi. Jenħtieġ li tikkunsidra kemm *data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, tidentifika r-responsabbiltajiet għall-ġbir tad-*data*, u tistabbilixxi approċċi konkreti għall-iżvilupp ta' linja bażi, miri u/jew parametri referenzjarji realistiċi biex jiġi identifikat il-progress, fejn rilevanti, u f'konformità mal-approċċ tal-impatt ta' Orizzont Ewropa. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tiġi pprovduta fi kważi ħin reali lis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi ta' mudelli komuni tad-*data* u għandha tiddaħħal f'bażi ta' *data* unika kif speċifikat fl-Artikolu 45 tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. Għal dak il-għan, għandhom jiġu implimentati sistemi ta' rappurtar xierqa biex jappoġġaw rappurtar kontinwu u trasparenti, inkluż dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u *in natura* impenjati u attwalment ipprovduti, viżibbiltà u pożizzjonament fil-kuntest internazzjonali, impatt fuq ir-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni tal-investimenti tas-settur privat. Ir-rappurtar jenħtieġ li jkun konformi mar-rekwiżiti standard tar-rappurtar ta' Orizzont Ewropa. L-iżvilupp tas-sistemi ta' rappurtar fil-kuntest tal-proċess ta' koordinazzjoni strateġika għandu jinvolti wkoll lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti tas-sħubija sabiex jiġu żgurati s-sinkronizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-isforzi ta' rappurtar u ta' monitoraġġ, inkluż dwar id-diviżjoni tal-kompiti ta' ġbir u rappurtar tad-*data*. Is-sistema ta' rappurtar fil-livell tal-proġetti għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-proġetti ffinanzjati, ir-riżultati tagħhom, id-diffużjoni u l-użu tagħhom minn gruppi fil-mira ewlenin, u d-differenza ġenerali li din qed tagħmel għax-xjenza, l-ekonomija, is-soċjetà u/jew l-ambjent, f'konformità mal-oġettivi tal-proġetti u l-impatti fil-mira. Dan jenħtieġ li jiġi kkumplementat minn *data* rilevanti dwar il-valur miżjud u l-impatt tas-sħubija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Jeħtieġ li jiġi żgurat mekkaniżmu xieraq ta' kondiviżjoni tad-*data* b'bażijiet ta' *data* komuni ta' monitoraġġ u rappurtar ta' Orizzont Ewropa.

Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni interim tal-inizjattiva u se tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2025. Fi żmien sitt xhur mill-istralċ tal-inizjattiva, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara d-deċiżjoni li tiġi stralċata, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni finali tal-inizjattiva. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni finali se jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, il-EURAMET se tippreżenta lill-Kummissjoni, għall-approvazzjoni, rapport annwali tal-attività dwar il-progress li jkun sar mis-Sħubija fis-sena kalendarja preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-pjan ta' ħidma għal dik is-sena. Ir-rapport se jinkludi informazzjoni dwar ir-riċerka mwettqa, l-innovazzjoni u azzjonijiet oħra u n-nefqa korrispondenti; il-proposti sottomessi, b'diżaggregazzjoni skont it-tip ta' parteċipant, u skont il-pajjiż; l-azzjonijiet indiretti magħżula għall-finanzjament, b'diżaggregazzjoni skont it-tip ta' parteċipant, u skont il-pajjiż, u li jindikaw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-ġestjoni indiretta hija ġġustifikata minħabba li s-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija hija sħubija pubblika-pubblika li fiha, parti mill-finanzjament jiddaħħal f'forma ta' kontribuzzjonijiet *in natura* mill-Istati Parteċipanti.

Kull sena, id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għas-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija se tittieħed permezz tal-Baġit tal-UE adottat għal dik is-sena.

Ftehim ta' Delega ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u il-EURAMET se jindika li għall-kompiti li għandhom jitwettqu kull sena, il-Kummissjoni se tħallas kontribuzzjoni mal-konklużjoni ta' ftehim dwar it-Trasferiment ta' Fondi mal-EURAMET. Il-Ftehim ta' Delega jenħtieġ li jiġi ppreċedut b'valutazzjoni *ex-ante* tal-EURAMET biex jiġi vvalutat il-qafas ta' kontroll intern u l-ġestjoni finanzjarja tagħha.

Il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli applikabbli għas-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.

Arranġamenti ta' monitoraġġ, inkluż is-superviżjoni tal-Unjoni fil-governanza tas-Sħubija, kif ukoll ftehimiet ta' rappurtar se jiżguraw li s-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kontabilità kemm għall-Kulleġġ kif ukoll għall-Awtorità tal-Baġit.

Il-qafas ta' kontroll intern għall-EURAMET għall-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija huwa mibni fuq:

- l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern li tal-anqas joffru garanziji ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni;
- il-proċeduri għall-għażla tal-aqwa proġetti permezz ta' evalwazzjoni indipendenti, u biex ikunu tradotti fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratt matul it-tul tal-ħajja ta' kull proġett;
- il-kontrolli *ex-ante* fuq 100 % tat-talbiet, inklużi l-irċevuta taċ-ċertifikati tal-awditi u taċ-ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-kostijiet;
- l-awditi *ex-post* fuq kampjun ta' talbiet bħala parti mill-awditi *ex-post* tal-Orizzont Ewropa;
- l-evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġetti

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

(1) Il-kapaċità tal-istruttura ddedikata tal-implimentazzjoni EURAMET għall-ġestjoni tal-baġit tal-Unjoni u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Il-metodu ta' kontroll se jkun konformi mar-rekwiżiti kif stabbiliti fir-regolamenti finanzjarji tal-UE, u b'mod partikolari li l-Kummissjoni żżomm id-dritt li ttemm, tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni tagħha jekk l-implimentazzjoni ma tkunx aċċettabbli jew xierqa.

(2) Il-kapaċità tal-Istati parteċipanti li jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-programm.

Il-fondi tal-UE jistgħu jinħarġu biss meta tintwera evidenza tal-impenji finanzjarji nazzjonali, kemm fuq livell ta' ftehim għal finanzjament annwali kif ukoll fil-livell ta' pagamenti lejn il-partiċipanti nazzjonali fil-proġetti. Salvagwardja oħra hi li l-finanzjament tal-UE ma jistax jaqbeż il-50 % tal-finanzjament pubbliku totali pprovdut fil-programm u l-finanzjament tal-UE ma jistax ikopri n-nefqa amministrattiva.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u mal-għeluq)*

Minħabba li r-regoli għall-partiċipazzjoni ta' Orizzont Ewropa applikabbli għall-Isħubija dwar il-Metroloġija huma simili għal dawk li se tuża l-Kummissjoni fil-Programm ta' Ħidma tagħha, u b'popolazzjoni ta' beneficijarji bi profil ta' riskju simili għal dawk tal-Kummissjoni, wieħed jista' jistenna li l-marġini ta' errur ikun simili għal dak imbassar mill-Kummissjoni għal Orizzont Ewropa, jiġifieri biex tingħata assigurazzjoni raġjonevoli li r-riskju ta' errur matul il-perjodu tan-nefqa pluriennali jkun, fuq bażi annwali, fil-medda ta' bejn 2 u 5 %, bl-għan aħħari li tintlaħaq rata ta' żball residwu li tkun kemm jista' jkun qrib lejn it-2 % fi tmiem il-programmi pluriennali, ladarba l-impatt finanzjarju tal-awdit, u tal-miżuri ta' korrezzjoni u ta' rkupru kollha jkunu ttieħdu inkonsiderazzjoni.

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għal Orizzont Ewropa għal dettalji sħaħ tar-rata tal-iżball mistennija fir-rigward tal-partiċipanti.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-proċeduri għall-ġlieda kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni jiġu applikati mis-Sħubija Ewropea għall-Metroloġija.

Il-proposti għal Orizzont Ewropa ġew soġġetti għall-prevenzjoni tal-frodi u l-valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti jenħtieġ li jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi akbar fuq l-awditu bbażat fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi rinforzati.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa li jiggarrantixxu li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u,

jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Filwaqt li timplimenta l-inizjattiva attwali tal-Artikolu 185 tal-EMPIR, il-EURAMET diġà tikkooopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-frodi u mal-irregolarità. Il-Kummissjoni se tiżgura li dan se jkompli u se jissaħħa.

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa li twettaq awditu, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji ta' għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċivew fondi tal-Unjoni skont il-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati b'mod dirett jew indirett minn tali finanzjament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt li jirrigwarda l-finanzjament mill-Unjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i ġodda tan-nefqa proposta/i

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali – Orizzont Ewropa	Diff./Mhux diff. ²¹	mill-pajjiżi tal-EFTA ²²	mill-pajjiżi kandidati ²³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
1	01 02 02 40 - Raggruppament Diġitali, Industrija u Spazju	Differenzjat	IVA	IVA	IVA	IVA

²¹ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

²² L-EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

²³ Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, kandidati potenzjalment mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1	Intestatura Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali Orizzont Ewropa
--	----------	---

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali (maqsumin skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(1)	26 000	43 000	51 000	51 000	47 000	43 000	39 000		300 000
	Pagamenti	(2)	0	11 700	31 050	44 900	50 200	49 200	45 600	67 350	300 000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm ²⁴	Impenji = Pagamenti	(3)	0,381	0,389	0,396	0,405	0,413	0,420	0,430	-	2,834
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	26 381	43 389	51 396	51 405	47 413	43 420	39 430		302 834
	Pagamenti	=2+3	0,381	12 089	31 446	45 305	50 613	49 620	46 030	67 350	302 834

Intestatura tal-qafas finanzjarju	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	--------------------------------

²⁴ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta. Li jkopru l-amministrazzjoni tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-kostijiet tal-FTE huma ddeterminati fuq il-bażi tal-kost annwali medju li għandu jintuża mill-2021 għas-salarji għall-Persunal Permanenti (EUR 0,127) u kostijiet amministrattivi oħra (EUR 0,025) li ssir referenza għalihom għall-bini u għall-kostijiet tal-IT għall-persunal tar-Riċerka Indiretta. Għall-perjodu ta' bejn l-2022 u l-2027 ġie applikat indiċjar annwali ta' 2 %. L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DGs tal-Kummissjoni hija wkoll ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

pluriennali		
--------------------	--	--

Din it-taqsima jenħtieġ li timentela bl-użu tad-“*data* tal-baġit ta’ natura amministrattiva” li se tiġi introdotta għall-ewwel darba fl-Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (LFS), li hija mtella’ fuq DECIDE għal skopijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani		-	-	-	-	-	-	-		0
Nefqa amministrattiva oħra		-	-	-	-	-	-	-		0
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	-	-	-	-	-	-	-		0

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	26 381	43 389	51 396	51 405	47 413	43 420	39 430		302 834
	Pagamenti	0,381	12 089	31 446	45 305	50 613	49 620	46 030	67 350	302 834

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 7²⁵ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								0
--------------	--	--	--	--	--	--	--	----------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²⁵ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taht²⁶:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni							
Delegazzjonijiet	-	-	-	-	-	-	-
Riċerka	2,5	2,5	2,5	2,5	2,5	2,5	2,5
• Persunal estern (f'Unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED²⁷							
Intestatura 7							
Iffinanzjati mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	-	-	-	-	-	-
	- fid- Delegazzjonijiet	-	-	-	-	-	-
Iffinanzjati mill- pakkett tal- programm ²⁸	- fil-Kwartieri Ġenerali	-	-	-	-	-	-
	- fid- Delegazzjonijiet	-	-	-	-	-	-
Riċerka		-	-	-	-	-	-
Oħra (speċifika)		-	-	-	-	-	-
TOTAL		2,5	2,5	2,5	2,5	2,5	2,5

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Għas-superviżjoni tal-programm u għall-gwida tal-politika (PO u LO) u għall-kompiti u r-responsabbiltajiet amministrattivi ta' evalwazzjoni/governanza għall-Kummissjoni.
Persunal estern	mhux applikabbli

²⁶ L-indikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persunal fid-DĠs tal-Kummissjoni hija wkoll ta' natura indikattiva u mhux vinkolanti.

²⁷ AC= Persunal b'kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = persunal tal-aġenziji; JPD= Professjonisti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

²⁸ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Stati Parteċipanti	31 000	52 000	62 000	62 000	57 000	52 000	47 000	363 000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati	31 000	52 000	62 000	62 000	57 000	52 000	47 000	363 000

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁹						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu							

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użata għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

²⁹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.